A.L. 101 ta' l-1988

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċellerat fil-Kirurġija Dentali (Bl-Unuri) (B.Ch.D. (Hons))

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Pro-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għall-Grad ta' Baċellerat fil-Kirurġija Dentali (Bl-Unuri) (B.Ch.D. (Hons)), u għandhom japplikaw biss għall-korsijiet li bdew qabel l-1988.

Id-Dħul

1. Biex ikun jista' jiddaħħal għall-grad ta' Baċellerat fil-Kirurġija Dentali (bl-Unuri) kandidat irid:

(i) jissodisfa r-Rekwiżiti għad-Dħul skond ir-Regolament 3 hawn taħt; u

(ii) itemm il-kors ta' l-istudji kif imsemmi f'dawn ir-Regolamenti u jikkwalifika fl-Eżamijiet.

It-Tul tal-Kors

2. Il-kors ta' l-istudji li jwassal għall-Grad bl-Unuri ta' Baċellerat fil-Kirurġija Dentali jieħu erba' snin.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Kandidat jista' japplika biex jidħol fil-Kors tal-Kirurġija Dentali jekk għandu:

I Tliet ċertifikati ta' Livell Avanzat, jew ekwivalenti (żewġ ċertifikati bi Grad Ċ jew aħjar u ċertifikat bi Grad D jew aħjar) f'dawn:

Il-Fiżika jew il-Fiżika-mal-Matematika
Il-Kimika
Il-Bijoloġija jew iż-Żooloġija

II Ħames ċertifikati ta' Livell Ordinarju, jew ekwivalenti. Is-suġġetti offruti jridu jinkludu:

(a) Il-Malti (Matrikola ta' Malta)
(b) Il-Lingwa Ingliża
(ċ) Il-Matematika
(d) Għallinqas wieħed mill-Għarbi, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan
(e) Xi suġġett ieħor mil-lista approvata.

N.B. Ebda suġġett ma jista' jkun offrut fiż-żewġ livelli 'A' u 'O'.

Oqsma tas-Suġġetti tal-Kors

4. L-oqsma tas-suġġetti tal-Kors tal-Kirurġija Dentali huma dawn:

L-Ewwel Sena

Id-Dentistrija Preventiva
Il-Prostetika Dentali
Il-Bijoloġija Umana

It-Tieni Sena

Id-Dentistrija Preventiva
Il-Prostetika Dentali
Il-Kirurġija Dentali Konservattiva u l-Perjodontoloġija
Il-Mediċina Orali, il-Kirurġija Orali u l-Patoloġija Orali
Ix-Xjenzi Mediċi Kliniċi

It-Tielet Sena

Il-Prostetika Dentali
Il-Kirurġija Dentali Konservattiva u l-Perjodontoloġija
Il-Mediċina Orali, il-Kirurġija Orali u l-Patoloġija Orali
Is-Saħħa Dentali tat-tfal u l-Ortodontika
Ix-Xjenzi Mediċi Kliniċi

Ir-Raba' Sena

Il-Prostetika Dentali
Il-Kirurġija Dentali Konservattiva u l-Perjodontoloġija
Il-Mediċina Orali, il-Kirurġija Orali u l-Patoloġija Orali
Is-Saħħa Dentali tat-tfal u l-Ortodontika

Testijiet ta' Progress

5. Isiru Testijiet ta' Progress f'dawk l-oqsma tas-suġġetti li t-tagħlim tagħhom jieħu aktar minn sena waħda, kif ġej:

Matul l-Ewwel Sena

Id-Dentistrija Preventiva
Il-Prostetika Dentali

Matul it-Tieni Sena

Il-Prostetika Dentali
Il-Kirurġija Dentali Konservattiva u l-Perjodontoloġija

Il-Mediċina Orali, il-Kirurġija Orali u l-Patoloġija Orali
Ix-Xjenzi Mediċi Kliniċi

Matul it-Tielet Sena

Il-Prostetika Dentali
Il-Kirurġija Dentali Konservattiva u l-Perjodontoloġija
Il-Mediċina Orali, il-Kirurġija Orali u l-Patoloġija Orali
Is-Saħħa Dentali tat-Tfal u l-Ortodontika

6. Kandidat jitħalla biss li jgħaddi għas-sena ta' wara tal-kors jekk il-Bord tal-Fakultà jikkonkludi li jkun laħaq livell li bih jista' jgħaddi mit-Testijiet ta' Progress.

L-Eżamijiet

7. L-Eżamijiet isiru kif ġej:

L-Eżami ta' l-Ewwel Sena

Il-Bijoloġija Umana

L-Eżami tat-Tieni Sena

Id-Dentistrija Preventiva

L-Eżami tat-Tielet Sena

Ix-Xjenzi Mediċi Kliniċi

L-Eżami Finali

Il-Prostetika Dentali
Il-Kirurġija Dentali Konservattiva u l-Perjodontoloġija
Il-Mediċina Orali, il-Kirurġija Orali u l-Patoloġija Orali
Is-Saħħa Dentali tat-Tfal u l-Ortodontika

8. Qabel ma jiddaħħal għal xi wieħed mill-Eżamijiet, kandidat irid jippreżenta ċertifikat, iffirmat mill-Kap tad-Dipartiment, li juri li temm b'mod sodisfaċenti l-iskeda tax-xogħol prattiku u kliniku preskritt għas-sena.

9. (a) Ikun hemm sessjoni waħda ta' Eżamijiet fi tmiem l-Ewwel Sena, it-Tieni Sena u t-Tielet Sena tal-Kors.

(b) Minbarra r-rekwiżiti tar-Regolament 6 dwar it-Testijiet ta' Progress, kandidat irid igħaddi mill-eżami ta' kull sena qabel ma jitħalla jidħol għas-sena ta' wara tal-kors.

L-Eżami Finali

10. L-Eżami Finali jsir fi tmiem ir-Raba' Sena tal-Kors.

11. Kandidat irid jagħmel is-suġġetti kollha ta' l-Eżami Finali f'Sessjoni waħda jekk ma jagħmilx l-Eżamijiet kif hemm ipprovdut fir-Regolament 13.

12. (a) Ir-riżultat juri l-ismijiet tal-kandidati li għaddew f'ordni alfabetiku f'dawn il-kategoriji: **L-Ewwel Klassi bl-Unuri, It-Tieni Klassi bl-Unuri** (Diviżjoni Superjuri), **It-Tieni Klassi bl-Unuri** (Divizjoni Inferjuri), **It-Tielet Klassi bl-Unuri** u **Għadda.**

(b) Ebda kandidat ma jista' jikseb Grad bl-Unuri jekk ma jgħaddix mill-Eżami Finali fl-ewwel sessjoni.

13. Kandidat ma jitħalliex jerġa' joqgħod għall-Eżami, kollu jew f'parti minnu:

(i) aktar tard minn tnax-il xahar minn tmiem is-semestru akkademiku finali tiegħu;

(ii) jekk ma jkunx għamel b'mod sodisfaċenti dak il-kors ta' l-istudji li l-Bord tal-Fakultà jista' jitlob f'kull każ.